**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 542/18 CZ**

**Timothy John Seisun u Joseph Seisun**

**vs.**

**Charles Azzopardi f'ismu propju u ghan-nom ta' C. Azzopardi Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fit-22 ta' Novembru 2018 li biha premettew:

1. Illi l-esponenti ghamlu diversi servizzi u xogholijiet ta' kostruzzjoni kif ukoll issuplixxu [sic] ghodda u materjal kif kienu debitament imqabbda mill-intimat pro et nomine.
2. Ili l-bilanc dovut lill-esponenti ghax-xogholijiet u servizzi minnu rezi jammonta ghal €5,270.

3. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut.
4. Illi l-esponenti ghal kull buon fini qeghdin jillimitaw ttalba taghhom ghall-ammont ta’ €5,000 u dan sabiex jaqa’ taht il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.
5. Illi minkejja li debitament interpellat anki b’ittra ufficjali Nru. 1654/18 li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa, l-intimat baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna, joghgbu jikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti is-somma ta’ €5,000 oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1654/18 u tal-mandat ta’ sekwestru numru 1803/2018 kontra l-intimati li minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti proprio et nomine mressqa fit-28 ta’ Dicembru 2018 li permezz taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament u fl-ewwel lok ma ntbaghatet l-ebda ricevuta fiskali jew fattura ghall-hlas mill-atturi lis-socjeta’ esponenti u inoltre l-atturi m’humiex registrati mad-dipartiment tal-vat u minhabba li t-talba taghhom ma nhargitx fuq ricevuta fiskali ai termini tal-Kapitolu 402 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-kawza petendi hija wahda illecita ghaliex hi msejjsa fuq ‘causa’ illecita.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, it-talba attrici ghall-hlas ta’ hamest’ elef euro (Eur. 5,000) hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex huma gew imhallsa in toto mis-socjeta’ esponenti ghax-xoghol li ghamlulha.

Illi oltre u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, is-socjeta esponenti sofriet danni konsiderevoli minhabba l-agir tal-atturi, u dan ghaliex l-atturi temmew ix-xogholijiet f'nofshiom u ghaldaqstant kellhom jigu ngaggati terzi persuni sabiex ilestu l-istess xogholijiet.

Illi prelimarjament, l-esponent mhux il-legittimu kontradditur ghaliex il-ftehim tax-xoghol u kull relazzjoni kuntrattwali mal-atturi saret permezz tas-socjeta ko-intimata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Illi t-Tribunal ra ukoll ir-risposta ulterjuri mressqa mill-konvenut proprio et nomine fit-12 ta' Gunju 2019, l-istess eccepixxa:

1. Illi l-esponenti jeccepixxu illi, minghajr pregudizzju ghal dak eccepit fir-risposta taghhom, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-esponenti jeccepixxu illi, minghajr pregudizzju ghal dak eccepit fir-risposta taghhom, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda tal-attur Timothy John Seisun[1], l-attur Joseph Seisun[2], l-affiavit tal-konvenut[3].

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attur Timothy John Seisun xehed illi hu u missieru l-attur l-iehor kienu jaghmlu xoghol ta' bini fl-interess tal-konvenut, izda l-konvenut kien waqa' lura fil-pagamenti. Ix-xhud jindika li huwa kien impjegat mal-konvenut, ghalkemm semma wkoll illi kien jahdem mal-konvenut bil-fattura. In kontro-ezami qal li l-konvenut kien ta credit note lill-atturi li ssarrfet f'materjal.

L-attur l-iehor Joseph Seisun xehed illi hadem fl-interess tal-konvenut fuq xi ghaxar lantijiet, dejjem fil-bini. Qal li mal-konvenut kienu jahdmu bil-fattura, u cioe' kien itihom ammont fil-gimgha, u kif jitlesta x-xoghol, jitkejjel. Ix-xhud dam jahdem mal-konvenut iktar minn ibnu, ghaliex ibnu sab xoghol il-Freeport, izda l-missier baqa' jahdem mal-konvenut, wahdu, ghal xi sena, u kien jithallas bil-gurnata. Ix-xhud qal li l-konvenut kien baqaghlu jhallsu hamest'elef Euro u l-konvenut kien jitolbu sabiex jissapportieh sakemm ihallsu. L-ahhar xoghol li x-xhud ghamel fl-interess tal-konvenut kien f'Awwissu tas-sena 2016. Ix-xhud qal ukoll li darba kienu fl-ufficcju

[1] Fol. 19A et seq., u kontro-ezami a fol. 44 et seq.
[2] Fol. 19G et seq., u kontro-ezami a fol. 48 et seq.
[3] Fol. 38 et seq., u kontro-ezami a fol. 56 et seq.

tal-konvenut, hu u l-istess konvenut, u qablu li kien ghad hemm dovuta lix-xhud is-somma ta' hamest'elef Euro. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma r-rendimont a fol. 29 sa 31 tal-process, imnejn irrizulta illi kien qed jippretendi minghand il-konvenuti s-somma ta' hamest'elef, tliet mija u sebgha u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€5,367.77) u li ghall-fini tal-kawza odjerna naqqashom ghal hamest'elef Euro (€5,000).

Illi l-konvenut Charles Azzopardi xehed illi l-atturi kienu fittxewh u talbu li jahdmu x-xoghol tal-bini mieghu, u ftehmu. Kien ihallashom gieli b'cheque u gieli flus kontanti. F'certu punt, l-attur Timothy Seisun beda jahdem mal-konvenut bhala impjegat, u dan wara li ma setax jahdem missieru. Maz-zmien, l-atturi bdew igergru li bix-xoghol li kienu qed jaghmlu, ma kinux qed jaqilghu bizzejjed. Sahansitra kienu waqfu hesrem minn bicca xoghol li kienu qed jaghmlu fil-Maghtab. B'mod generali pero', il-konvenut qal li l-atturi kienu jaghmlulu xoghol tajjeb. Il-konvenut qal ukoll illi meta Timothy Seisun kien waqaf jahdem, kien hallsu kull ma kien dovut. Il-konvenut qal ukoll illi kien heles il-pendenzi kollha li kellu mal-attur Joseph Seisun f'Awwissu tal-2016. Qal ukoll illi huwa qatt ma qabel li kien hemm xi hlasijiet li kienu pendenti. In kontro-ezami qal li s-sistema tal-hlas lill-atturi kienet li jhallashom mitejn u hamsin Euro (€250) kull gimaghtejn, u meta jitkejjel ix-xoghol fl-ahhar, ihallas id-differenza. Mistoqsi dwar ir-rendikonti a fol. 20 sa 25 tal-process, ix-xhud wiegeb li jista' jkun li dak hareg mill-ufficcju tieghu. Mistoqsi dwar jafx jekk l-atturi kienux registrati bhala VAT exempt, il-konvenut qal li ma jafx, u l-atturi qatt ma tawh ricevuta fiskali. Mistoqsi ripetutament liema kienut dawk il-hlasijiet fir-rendikont li pprezentaw l-atturi u li ma kienx jaqbel maghhom, il-konvenut ma identifika l-ebda hlas partikolari, izda baqa' jsostni li l-atturi telqu x-xoghol meta ma kienx mitmum.

Illi jehtieg l-ewwel jigu indirizzati l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni li eccepixxa l-konvenut permezz ta' risposta ulterjuri waqt il-perkors tal-kawza. Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni a bazi tal-artikoli 2149 (a) u 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwantu ghall-Artikolu 2149 (a), dan jirreferi ghal l-azzjonijiet ta' bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta'

xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor,għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu. L-atturi ma bnewx bastimenti jew opri tax-xorta msemmija f'dan is-sub-artikolu, u ghalhekk dan ma japplikax ghall-kaz odjern. Kwantu ghall-Artikolu 2148 (a), dan japplika ghal bennejja u huwa dan l-artikolu li jirrifletti x-xoghol li kienu qed jaghmlu l-atturi. Minkejja dan, pero', l-atturi xehdu li l-konvenut irrikonoxxa li kellu jhallashom, tant illi anke hareg credit note ghal parti mill-ammont dovut (li l-konvenut qal li ma jiftakarx dwarha), u ghall-bilanc kien talabhom biex jissaportuh. F'dan ir-rigward iz-zewg atturi qablu li l-konvenut kien jitlobhom biex jissaportuh, u l-attur Joseph Seisun anke qal li qablu dwar il-bilanc li kien dovut. Il-konvenut min-naha l-ohra dan kollu jichdu u jghid illi skond hu m'ghand hemm l-ebda ammont pendenti. It-Tribunal wara li evalwa x-xiehda fuq dan il-punt, jara iktar verosimili l-verzjoni tal-atturi, fis-sens illi l-konvenut kien irrikonoxxa d-dejn, tant li xehdu b'mod car kif thallas parti minnu permezz ta' credit note li ssarrfet f'materjal, u xehdu precizament minghand min ittiehed il-materjal, filwaqt illi l-konvenut b'mod vag baqa' jghid illi ma jiftakarx dwar din il-credit note. Il-hrug ta' din il-credit note jitqies bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni, kif intqal fis-sentenza *Louis u Maria konjugi Carabott vs. Alfred u Giorgina konjugi Falzon*[4]:

> Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Tabone vs Vassallo", decisa fl-24 ta' Marzu, 2004, "jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni, u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li rrikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu.

Illi l-konvenut anke ra d-dokument a fol. 20 sa 25 tal-process u m'eskludiex li dawn huma dokumenti li nhargu minnu jew mill-kumpanija konvenuta. Fuq dawn id-dokumenti kien hemm indikat b'mod car li ghad hemm bilanc dovut lill-atturi u ghalhekk anke dan fih innifsu ixejjen din l-eccezzjoni tal-konvenuti. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandi tigi michuda.

[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili – Per. Onor. Imhallef Tonio Mallia

Illi t-Tribunal sejjer issa jindirizza l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, u cioe' dawk li tressqu fir-risposta originali tal-konvenut. L-ewwel eccezzjoni kienet fis-sens illi l-atturi ma hargu ricevuta fiskali formali ghall-hlasijiet li hadu minghand il-konvenuti. Fl-istess waqt pero', il-konvenut ma gabx prova ta' xi hlasijiet hallas lill-atturi. Ghalkemm qal li xi drabi kien ihallas b'cash u drabi ohra b'cheque, lanqas irriproduca imqar kopja ta' xi wiehed minn dawn ic-cheques biex jissostanzja l-eccezzjoni tieghu. F'kull kaz, din l-eccezzjoni ma tinfliggix fuq il-mertu ta' quddiem dan it-Tribunal, u jekk stess il-konvenut ihoss li kien hemm xi nuqqass f'dan ir-rigward, irid jirregola ruhu kif imiss u mhux permezz ta' din l-eccezzjoni. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni ghandha tincahad.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni, din hija eccezzjoni fejn il-konvenut iddikjara li l-atturi thallsu kull ma kellhom jithallsu. Rinfaccat izda bir-rendikont, li huwa gharaf bhala rendikont li seta' kien maghmul mill-ufficcju tieghu, u ripetutament mistoqsi dwar liema hlasijiet ma jaqbilx li ghandhom isiru, il-konvenut naqas li jwiegeb dwar dan, u semplicement qal li l-konvenuti ma lestewx ix-xoghol kollu li kellhom jaghmlu. B'dan il-mod, ghalhekk, il-konvenut ma tax raguni propja ghaliex l-ammont mitlub mill-atturi m'ghandux jithallas. Ta wiehed x'jifhem biss illi huwa seta' nkorra spejjez jekk mhux ukoll danni ghall-fatt li l-atturi hallew ix-xoghol bhall-Erbgha fost il-gimgha. Il-konvenut ma ghamel l-ebda kontro-talba minhabba f'hekk, u ghaldaqstant, ladarba mir-rendikont prezentat mill-atturi johrog car li kellhom bilanc favurihom ta' hamest'elef, tliet mija u sebgha u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€5,367.77), ma saret l-ebda kontestazzjoni siewja min-naha tal-konvenut dwar dan l-ammont allegatament dovut. Anzi mill-provi prodotti irrizulta li l-atturi kienu jaghmlu xoghol tajjeb, li hadmu f'ghadd ta' lantijiet ghall-konvenuti, u illi x-xoghol li kienu qed jitolbu hlas ghalih fil-verita' twettaq. F'dan is-sens, u dan anke minn dak li rrizulta mill-kontro-ezami tal-konvenut, it-Tribunal ra illi l-kwistjoni bazilari tar-raguni ghalfejn il-konvenut ma riedx ihallas baqghet ma twegbitx.

Illi t-tielet eccezzjoni torbot ma' dak li ghadu kemm intqal dwar it-tieni eccezzjoni. F'din it-tielet eccezzjoni, il-konvenut indika illi huwa kien sofra danni minhabba li l-

atturi waqfu jahdmu f'nofs ix-xoghol. Ghalkemm it-Tribunal jifhem li dan mhuwiex agir rakkomandabbli, jibqa' illi l-konvenut ma indirizzax din l-allegazzjoni bil-mod propju, u xejn ma tiswa li ssir eccezzjoni f'dan is-sens kemm-il darba x-xoghol sar u l-hlas ghalih allura huwa dovut.

Illi l-konvenuti eccepew ukoll illi l-konvenut Charles Azzopardi mhuwiex il-legittimu kontradittur, ghaliex il-ftehim tax-xoghol u kull relazzjoni kuntrattwali mal-attur saret permezz tas-socjeta' ko-intimata. Anke f'dan ir-rigward, it-Tribunal ma setax jistabbilixxi mill-provi bejn min sar il-kuntratt, u cioe' jekk hux bejn l-atturi u l-konvenut Charles Azzopardi jew bejn l-atturi u l-kumpanija, jew il-konvenuti t-tnejn flimkien. Dan ghaliex filwaqt li huwa zgur u cert li dejjem lill-attur kellimhom il-konvenut Charles Azzopardi fizikament, min-naha l-ohra ma jidher li kien hemm ebda ftehim bil-miktub bejniethom, u d-dokumenti li forsi seta' jitfa' xaqq ta' dawl fuq dan il-punt partikolari, li huma c-cekkijiet li bihom kien isir il-hlas lill-atturi, baqa' ma giex esebit. Ghaldaqstant, lanqas din l-eccezzjoni ma tisthoqq tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000), bl-imghax mid-data tal-ittra ufficcjali, u cioe' mis-7 ta' Settembru 2018 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur